MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 866/2004

**Alfred Calleja**

**vs**

**Patrick Sammut Ghigo**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' April 2004 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' sebgha u sebghin lira Maltija (Lm770) rapprezentanti arretrati ta' kera fuq il-garaxx Caruso numru 13 Karm Sammut Street Birkirkara ghall-perjodu mit-22 ta' Novembru 2003 sat-23 ta' Novembru 2003 b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu

pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fit-30 ta’ Dicembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sebgha mija u sebghin lira Maltija (Lm770) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------